

## Il-parabbola tal-ħmira

**(Lq 13,20-21)**

**[*13:33]*** *Qalilhom parabbola oħra: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil ftit ħmira li waħda mara tkun qabdet u ħalltet ma' tliet sigħan dqiq sa ma tkun għoliet l-għaġna kollha."*

Fost il-parabboli li Gesu' kien jirrakonta ta' fatti mehudin mill-hajja ta' kuljum, l-Imghallem ta' Nazaret qal lis-semmiegha tieghu storja qasira hafna, sentenza kollox, imma bi ftit irkott u dettal xeghel l-immaginazzjoni ta' dawk li kellu quddiemu. Qalilhom li din il-mara hadet *ftit hmira* u halltitha ma' *tlett sighan dqiq* sa ma l-ghagna gholiet. Kristu sebbah il-hidma ta' din il-mara mas-saltna ta' Alla.

**X'messagg ried jghaddi Kristu ?**

Li s-saltna ta' Alla tixbah lil hmira, li tkun bicca ghagina li thalliet toqghod mill-jum ta' qabel biex tithallat ma' l-ghagna friska u hekk l-ghagna titla' u meta tinhema' f'hobza issir hobza sabiha.

Propjeta' tal-hmira hi li tbiddel l-ghagna li maghha tithallat. Hekk ukoll il-grazzja li jaghti Alla lill-bniedem tbiddilu ruhu u taghmlu jixbah Lilu.

U dina hija l-intenzjoni ta' Alla, li l-grazzja tibqa' tibdel il-bniedem quddiem hutu l-bnedmin u b'hekk l-ezempju tajjeb jressaq aktar erwieh lejn Alla.

Bis-sahha t'hekk tikber is-saltna t'Alla hawn fuq l-art. Il-grazzja ta' Alla tahdem bil-mod, fis-skiet u bla ma taghmel ebda hsejjes, precizament bhalma tahdem il-hmira fuq l-ghagna: din tikber bil-mod il-mod sakemm fl-ahhar wara xi hin tara r-rizultat.

FTIT TA' L-ISTORJA

KIF KIENU JAGHMLU L-HOBZ FI ZMIEN KRISTU?



Il-lhud generalment kienu jahdmu l-hobz mit-tqieq tal-qamha ghalkemm xi drabi kienu jaghmluh ukoll minn zerriegha ohra. Il-hobz kienu jagghnuh fi skutelli ta' l-injam, l-ghagna mal-hmira, jifirxuha irqieq f'forma tonda jew ovali, ihalluha toqghod imbaghad jahmuha. Il-hobz li kienu jieklu fil-festa ta' l-Ghid kien ikun maghmul minghajr hmira.

L-aktar mod primitiv li bih kien isir il-hobz kien li jpoggu blalen ta' l-ghagna fuq gebel jahraq. Metodu iehor kien li jpoggu n-nar go recipjent tal-fuhhar u meta il-gnub ikunu jaharqu bizzejjed, kienu jqieghdu l-ghagna miftuha fuq il-gnub u hekk isiru hobz irqieq mohmi. Kienu dawn il-metodi li kull familja kienet tuza biex tahmi l-bzonn tal-hobz taghha ta' kuljum barra is-Sibt billi dak in-nhar kien meqjus bhala jum qaddis.

Gie li kont issib xi furnara pubblici li kien ikollhom aktar minn forn wiehed biex jahmu l-hobz u jbieghuh lil min ma kienx irid jahmi l-hobz d-dar. Naturalment il-forn ikun kbir.

Fiz-zminijiet l-imghoddija bhal fi zminijietna u anke fi zmien Kristu l-ikel principali kien il-hobz. Il-hobz kien meqjus bhala l-hajja tal-bniedem u alllura kienu jqisuh bhala xi haga sagra u ta' barka mill-Mulej.

Minhabba li kienu jharsu lejn il-qdusija u barka tal-hobz in-nies tal-Lvant qatt ma kienu jaqtghu l-hobz bis-sikkina izda jaqsmuh f'bicciet bis-swaba ta' idejhom.

Ta' kull Sibt kienu jahmu tnax-il hobz minghajr hmira u jipprezentawhom ghadhom jahaqru lil Alla fuq il-mejda tad-deheb fit-tempju. Kienu jkunu kwadri jew tawwalin u jirraprezentaw lit-tnax-il tribu ta' Izrael. Il-hobz il-qadim tal-gimgha ta' qabel kienu jnehhu u kien jista' jittiekel biss mis-Sacerdoti fil-bitha tas-santwarju.

L-ahjar hobz kien ikun dak tal-qamh; izda fl-iskarsezza kien jintuza t-tqiq tax-xghir, l-aktar mill-fqar. Billi l-hobz taghhom kien malajr jixxota, il-hobz kien jintghamel kuljum.

PINGI B'KULURI SBIEH DIN IL-MARA LHUDIJA QED TAHMI IL-HOBZ

